**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Francesco Acanfora

*Konvenuti:* Equitalia Sud SpA – Agente di Riscossione Latina, Agenzia delle Entrate – Ufficio di Latina

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – Commissione tributaria provinciale di Latina – Interpretazzjoni tal-Artikolu 107 TFUE – Kunċett ta' għajnuna mill-Istat – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fil-każ li ma jitħallasx l-avviż ta' rkupru, obbligu għall-persuna taxxabbli li tħallas lill-kumpannija lliċenzjata sabiex topera s-servizz ta' rkupru ta' taxxi, somma li tammonta għal 9 % tal-ammonti rreġistrati bħala dovuti, perċentwali li tirrappreżenta l-ispejjeż marbuta mal-ġbir tat-taxxa

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Latina (l-Italja), b'deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2012, hija manifestament inammissibbli.*

(1) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Marzu 2014 – Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS, Travetanche Injection SPRL vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

**(Kawża C-199/13 P)** (1)

***[Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura — Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) — Restrizzjonijiet applikabbli għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-akrilammid — Regolament (UE) Nru 366/2011 li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006]***

(2014/C 184/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS, Travetanche Injection SPRL (rappreżentanti: K. Van Maldegem u R. Cana, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve u P. Oliver, aġenti, assistiti minn J. Stuyck u A.-M. Vandromme, avukati), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman u B. Koopman, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-1 ta' Frar 2013, Polyelectrolyte Producers Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-368/11) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 366/2011, tal-14 ta' April 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 101, p. 12) sa fejn jistabbilixxi restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-akrilammid għall-applikazzjonijiet tal-mili tal-fili

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Polyelectrolyte Producers Group, SNF SAS u Travetanche Injection SPRL huma kkundannati għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(1) GU C 171, 15.06.2013.